# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru : 334/2018 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**GF**

**Vs**

**SF u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2019 gew nominati Dr Victor Bugeja u PL Jeremy Buttigieg bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri KD, KZ u KL ahwa F u b'digriet tat-13 ta' Mejju 2021, l-attur irtira t-talba ta' denegata paternita' fir-rigward tal-minuri KDF u;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GF datat 24 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

- *Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata SF fil-17 ta' Dicembru 2011 fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

- *Illi minn din ir-relazzjoni bejn il-partijiet twieldu t-tlett ulied KD, KZ u KL (certifikati tat-twelid hawn annessi u rispettivament immarkati Dok. 'A', 'B' u 'C').*

- *Illi l-esponenti u l-intimata F isseparaw permezz ta' kuntratt ta' firda personali data ghoxrin (20) ta' Lulju, elfejn u hmistax (2015) in atti Dr. Josef Christian Masini Vento (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'D').*

- *Illi ftit wara li sottoskriva ghal tali kuntratt l-esponenti skopra li jista' jkun hemm possibilita' qawwija li t-tfal KZ u KL jistghu ma jkunux tieghu u dana in vista ta' diversi relazzjoni adultera / relazzjoni adulteri min naha tal-intimata SF.*

- *Illi in vista tas-surreferit fir-rigward tal-minuri KZ u KL l-esponenti diga' wettaq testijiet ta' natura genetici minn fejn irrizulta li l-imsemmija tewmin ma humiex tieghu (kopja tat-testijiet genetici relattivi qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. 'E' u 'F').*

- *Illi fir-rigward tal-minuri KZ u KL, il-fatt li l-esponenti m'huwiex il-missier naturali tal-istess jinsab pruvat permezz tat-test surreferit u jista' jigi pruvat ukoll matul dawn il-proceduri permezz tat-testijiet xjentifici mehtiega u li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

- *Illi fir-rigward tal-ulied minuri KZ u KL, l-esponenti in kwantu l-missier indikat fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess ghandu fi kwalunkwe kaz id-dritt ill jitlob li jsiru il-verifiki necessarji sabiex tigi determinata l-paternita' naturali tal-istess ulied a tenur tal-art. 70 et. Seq. tal-Kodici Civli (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk jigi eskluz kwalunkwe dubbju fir-rigward tal-istess.*

- *Illi ghaldaqstant l-esponenti talab li dina l-Onorabbli Qorti tawtorizzah sabiex jipprocedi bl-azzjoni odjerna liema talba giet milqugha permezz tad-digriet datat hamsa (5) ta' Ottubru, elfejn u tmintax (2018) (kopja tad-*

*digriet qed jigi hawn anness u mmarkat Dok 'F').*

*Ghaldaqstant tghidu intimata m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:*

- *Tordna illi fir-rigward tal-ulied minuri KZ u KL isiru dawk it-testijiet genetici u/jew xjentifici necessarji sabiex tigi stabbilita' l-paternita' naturali tal-istess;*

- *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri KZ u KL jew min minnhom m'hijiex/m/humiex ulied naturali tal-esponenti GF b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid tal-imsemmija minuri jew min minnhom f'dan is-sens;*

- *Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmija minuri KZ u KL jew min minnhom billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess atti tat-twelid relattivi il-konnotati kollha tal-attur GF u l-istess jigu sostitwiti b'dal it-taghrfi illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti u/jew;*

- *Tordna lill-intimat Direttur tar-registru Pubbliku ihassar u jikkancella mic-ceritifkat tat-twelid tal-imsemmija minuri jew min minnhom, l-isem u l-konnotati tal-esponenti kull fejn jirrikorru u minflok inizzel "missier mhux maghruf".*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata SF minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-Kuratur Dr Victor J.Bugeja datata 8 ta' Marzu 2019, a fol 31A, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors tas-26 ta' Frar 2019 izda huwa jirritjeni li huwa ma huwiex edott mill-fatti ta' dina l-kawza u anqas jaf ghaliex gie notifikat bhala kontroparti.*

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta' Marzu 2019, a fol 32 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-attur irid jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa tramite l-Artikoli 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment juri l-pussess ta' stat tal-minuri KD, KZ u KL, ahwa F, ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghhom;*

2. *Illi bla hsara ghas-suespost u preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi fir-raba' u l-hames premess tar-rikors promotur, issir referenza. Ghaldaqstant, f'gieh tal-integrita' tal-gudizzju, l-esponent huwa tal-umili fehma illi fis-sitwazzjoni jkun idoneju illi ssir korezzjoni ta' dan ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;*

4. *Illi bla hsara ghal premess, l-esponent qed jassumi illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-kawza istanti si tratta proprju denegata paternita';*

5. *Illi stante l-premess, l-attur jehtieglu primarjament jiprova u jissodisfa minn talanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal tali fini, l-attur esebixxa kopja tat-testijiet genetici li saru fil-konfront ta' tnejn mill-minuri. Min-naha l-ohra fir-rigward tal-minuri l-iehor, ma sar l-ebda test genetiku. Fid-dawl ta' dan l-esponent huwa tal-umli fehma illi t-testijiet genetici li saru ghandhom jigu mahlufa mit-tekniku li ghamlet l-imsemmija rapport, filwaqt li fir-rigward tal-minuri l-iehor, il-partijiet ikkncernati ghandhom jissottomettu ruhhom ghat-test genetiku ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'tali cirkostanza, l-esponent stante li ma ghandux x'jaqsam*

*mal-meritu tal-kawza istant huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jirrileva li huwa important li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem GF, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom flimkien mal-konnotati tal-attur jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid tal-minuri u jew min minnhom;*

7. *Illi finalment, l-esponent dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' ghagir tal-esponent u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha datat tas-27 ta' Mejju 2020 li permezz tieghu, ordnat ir-ritorn tal-minuri;

Rat il-verbal tat-13 ta' Mejju 2023, li permezz tieghu l-attur irtira t-talbiet kollha tieghu fejn si tratta tal-minuri KD, stante li huwa l-uniku wild tieghu. Il-Qorti tordna illi dan jigi rifless fl-atti kollha tal-kawza.

Rat d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kas;

Rat il-fakulta moghtija lil Dr Noel Bianco sabiex jippresenta n-nota ta' sottomissjonijiet, vide fol 166;

Rat il-verbal tal-avukat difensuri tal-attur, li nforma lill-Qorti li ma kienx f'posizzjoni li jippresenta tali nota ta sottomissjonijiet minhabba raguni hemm moghtija;

Rat illi l-avukati difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-provi, vide fol 163;

**Ikkonsidrat:**

***Matthew Fleri Soler, Probabtion Officer, mad-Dipartiment tal-Probational Parole, xehed nhar il-15 ta' April 2019 (vide fol 42 et seq)*** u spjega illi huwa ilhu isegwi lill-attur mill-ahhar ta' Awwissu tas-sena 2018 u dana wara li nharget provisional order of supervision mill-Qorti. Izid illi l-attur qieghed jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu. Ix-xhud jirrakkonta illi minhabba sensiela ta' tghajjir u nsulti versu l-persuna tal-attur, u fl-isfond ta' dawn c-cirkostanzi, l-attur rreagixxa u kien sar rapport lill-Pulizija bil-konsegwenti ordni ta' supervizjoni u kien gie arrestat. Ix-xhud jikkonferma illi huwa acceda ghar-residenza tal-attur, u li anke tkellem mal-genituri tieghu.

***Mario Genuis, xehed nhar l-10 ta' Lulju 2019 (vide fol 69 et seq)*** u spjega illi wara li kien inghata digriet, huwa kien mar flimkien ma marixxal iehor, u esegwew id-digriet tal-Qorti. Huma kienu marru fl-indirizz moghti f' Hal Qormi u kienu sabu lill-omm l-attur, li nfurmathom illi l-minuri ma kienx qieghed hemm. Filfatt kienu ghamlu tfittxjia fid-dar u l-minuri ma nstabx. Omm l-attur cemplet lil binha. L-attur rritorna d-dar t'ommu minghajr il-minuri, infurmahom illi l-minuri kien qieghed ghand ohtu u cioe z-zija tat-tifel. Huma ordnawlu biex imur ghat-tifel u jibqa' gej bih l-ghassa ta' Hal Qormi u kienu ordnaw lill-omm tigbor lill-minuri mill-ghassa u filfatt cemplulha hekk kif gie l-minuri. Dan kienu bejn it-3:30pm u l-4:00pm. Izid illi l-attur beda jispjegalu xi haga pero' x-xhud kien qalu sabiex ikellem lill-avukat tieghu ghaliex hu kellu digriet xi jsegwi.

Ix-xhud jikkonferma illi l-minuri beda jibki x'hin missieru qallu li sejjer m'ommu. Izid illi l-minuri beda jibki u jippanika u jghannaq lil missieru u jghidlu li rrid jibqa' mieghu. Ix-xhud spjega illi l-minuri ma ridx jaccetta li joqghod l-ghassa pero' imbaghad fehmu, il-missier beda jikkopera u meta jfihem lill-minuri u filfatt il-minuri kien qaghad mal-pulizija sakemm giet ommu. Ix-xhud jishaq illi l-attur qatt ma oppona ghall-ordnijiet taghhom. Ix-xhud jikkonferma ukoll illi l-hin li ha l-attur sabiex minn San Gwann mar

Hal Qormi u biex minn Hal Qormi mar ghall-minuri l-Mosta ma kienx hin ezagerat tenendo conto tat-traffic. Ix-xhud jispjega ukoll illi mill-esperjenza huma tghallmu illi qatt ma jhallu lill-parti l-ohra fil-vincinanzi ghaliex jafu li jista' jinqala' l-inkwiet, u anke hallew pulizija barra ghali li jista' jkun.

***L-attur xehed permezz ta' affidavit (vide fol 74 et seq***) u spjega illi huwa kien iltaqgha mal-intimata madwar ghaxar snin ilu u meta l-intimata kienet inqabdet tqia bl-ewwel tarbija, missierha ma riedx li hija jkollha tarbija u spiccat korriet bix-xebgha li qalghet minghandu. Wara dan, l-kontendenti kienu zzewwgu fis-17 ta' Dicembru 2011 fir-Registru Pubbliku ta' Malta u qabel kienu ghamlu xi zmien jghixu flimkien ghand ommu. Jixhed illi l-intimata kienet tghidlu li hi riedet titlaq minghand missierha ghaliex missierha u hutha s-subien kienu vjolenti lejha u anke lejn ommha. Izid illi huma t-tnejn kienu xtaqu li jkollhom it-tfal. L-attur jishaq illi kien hemm drabi fejn huwa ra dana l-agir vjolenti fil-konfront tal-intimata u ommha b'ghajnejh stess, u jsostni illi anke hu kien gie msawwat. Jirrakkonta episodju partikolari li kien sehh gimgha wara t-twelied tal-minuri KD, fejn huwa kien qala daqqiet ta' sikkina, u spicca wiccu kollu demm wara li kien gie attakkat minn missier l-intimata. Dakinhar hu l-intimata certu Christian, kien sparalu seba' tiri ta' arma tan-nar. Dakinhar l-intimata kienet giet imkeccija mid-dar b'ta fuqha senduqa u kellu jmur jixtri u jiddobba l-affarijiet kollha li kellhom bzonn ghat-tarbija.

Illi peress li t-theddid baqa' wiehed kontinwu, huma kienu talbu ghajnuna lill-Appogg, u kien gie ssuggerit illi l-intimata tidhol go *shelter* flimkien mal-minuri, kif filfatt sar . Eventwalment l-attur flimkien mal-intimata u l-minuri kienu emigraw lejn l-Awstralja, izda wara xi erba (4) xhur li kienu ilhom hemm kien induna illi waqt li kien ikun qieghed gahx-xoghol, l-intimata xorta wahda kienet ghadha taghmel kuntatt ma' missierha u ma' huha. Illi xi xahar wara, l-intimata harbet bil-minuri u rritornat lura Malta. L-attur jispjega illi kien dam xahar iehor l-Awstralja minhabba li kien marbut b'kuntratt u ghalhekk ma setghax jaqbad u jitlaq. Illi kien biss wara seba' xhur li beda jara lill-minuri u dan wara sensiela ta' rikorsi. Illi eventwalment l-intimata kienet infurmatu illi hija tqila bi *twins,* pero jishaq illi kif telqet mill-Awstralja, hija bdiet itella ritratti ma rgiel ohra fuq social media. Illi hu ma kienx thalla imur jara lit-tewmin meta l-intimata kienet ser twelled, u l-genituri tal-intimata bdew jghidulu illi hu mhuwiex missier ttewmin u bdew jukkuljunawh. Wara li harget mill-isptar, huwa kien ha lill-

intimata lura u marru jghixu ghand ommu u wara kien kera flat gewwa Haz Zebbug izda t-theddid da parti ta’ missier l-intimata baqa’ jizdied tant li l-hajja tal-attur u ta’ missier l-attur kienet fil-periklu. Missier l-intimata beda jheddu li jekk ma jiffirmax il-kuntratt ta’ separazzjoni li ghamlet l-avukata tieghu hu u l-familja tieghu kienu ser ibghatu u kien anke heddu li ser joqtol lilu jew lil ibnu. Illi filfatt huwa kien iffirma minkejja li ma jafx x‘kien qieghed jiffirma. Huwa kien bezgha li ser jispicca jghaddi minn dak li ghadda z-ziemel tieghu li ghalih qishu kien l-ewwel tifel tieghu. Dan iz-ziemel kien misjub mejjet skarnat mill-genituri tieghu waqt li l-attur kien l-Awstralja.

Xi gimghatejn wara li ffirma l-kuntratt ta’separazzjoni, kien sab id-dar vojta u wara li ghamel rapport l-ghassa dawn infurmawh illi l-intimata kienet telqet bit-tfal b kollox ghaliex kien iffirma l-kuntratt. Xi sena ilu, missier l-intimata u hutha bdew jergghu jghajruha illi huwa barri u li t-tfal mhux min tieghu. Illi f’Settembru tas-sena precedenti ha l-parir ta’ nies vicin tieghu u mar ghamel test tad-DNA fuq **it-tewmin** fejn filfatt irriziulta illi t-tewmin ma kienux uliedu.

***Omm l-attur, RF xehdet permezz ta’ affidavit (vide fol 85 et seq)*** u spjegat illi mill-bidu li l-intimata dahlet id-dar ghandhom hija kienet dejjem tirrepeti illi kienet imdejqa d-dar ta’ ommha u missierha u lilha kienet tghidilha illi hi mhux bhal ommha u kienet titrattaha sew. Illi fiflatt darba minnhom l-intimata kienet telqet mid-dar t’ ommha u marret ghand zija taghha, illi pero’ wara ftit kienet idejqet ghand iz-zija u x-x-xhud kienet accettat li zzommha maghhom. Illi minn hemm binha u l-intimata kienu ddecidew li jmorru joqghodu ghal rashom fi flat f’Bugibba. Hija dejjem kienet tghidilhom li kienet mhedda minn missierha u minn hutha s-subien. Illi minkejja dan, kien hemm perjodu fejn l-intimata regghet marret lura r-razzett ta’ missierha, izda wara ftit xhur kienet regghet harbet. Illi kien f’dan il-perjodu li kienu ddecidew jizzewwgu u dana sabiex l-intimata tinqata’ minn ma’ missierha u l-inkwiet kollu li kien qieghed ikollha maghhom. Illi wara ftit li kien ilhom mizzewgin, l-intimata kienet harbet mid-dar t’ommha u kienu sabuha d-dar t’ommha. Xi zmien wara harget tqila b’ KD u meta twieled hija baqghet gejja u sejra mid dar tax-xhud ghad-dar t’ommha.  Tispjega illi huma kienu ghenu lill-attur jixtri l-affarijiet ghat-tarbija bhala *buggy* etc. Gara illi meta t-tarbija kellha biss gimgha, waqt li l-attur mar jigbor lill-intimata id- dar t’ommha, missier l-intimata u huha hargu ghall-attur bis-sikkina f’idejhom u tawh xebgha sikkina. Wara dan l-incident, missier l-intimata kien kecciha l-barra u ma halliha tiehu xejn la

ghalija u lanqas il-bzonnijiet tat-tarbija. Illi dak iz-zmien hi u zewgha kienu tawha EUR 700 izda wara li hadet il-flus, l-intimata harbet ma' huha mid-dar taghhom.

Minhabba dan kollu, l-attur kien beda jsir nervuz, u ma ried jaf b'xejn. Illi sussegwentment l-attur u l-intimata kienu inghata post tal-*Housing* f'Hal Tarxien, izda wara ftit zmien tfacca missier l-intimata u din regghet ghal darba ohra harbet minn Hal Tarxien u marret fid-dar ta' ommha. Illi eventwalment il-partijiet kienu qablu li jemigraw lejn l-Awstralja u x-xhud, flimkien ma' zewgha, kienu tawhom xi ghajnuna finanzjarja sabiex jaghmlu dana l-pass, izda habta u sabta, l-intimata kienet harbet mid-dar li kellhom l-Awstralja flimkien mat-tarbija u rritornat lura Malta. L-ghada li harbet l-intimata, kienu sabu liz-ziemel tal-attur mejjet. Illi eventwalment l-intimata kienet infurmatu illi hija tqila bi *twins*, pero ix-xhud tishaq illi kemm kienet ilha li giet lura mill-Awstralja, l-intimata kienet qieghda tohrog ma diversi rgiel differenti. Wara li harget mill-isptar, tispjega illi binha kien ha lill-intimata lura u marru jghixu ghandha u wara kien kera flat gewwa Haz Zebbug izda t-theddid da parti ta' missier l-intimata baqa' jizdied.

Illi fis- 26 t'Ottubru 2018 sar it-test tad-DNA fuq it-tewmin u r-rizultat huwa llum maghruf.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza ta' *denegata paternita'*, permezz ta' liema r-rikorrent qieghed jitlob li jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali ta' KZ u KL, tewmin ahwa F. Illi r-rikorrenti zzeweg lill-intimata SF, u cioe omm il-minuri KZ u KL fis-17 ta' Dicembru 2011 fir-Registru Pubbliku ta' Malta. Jirrizulta illi fid-durata ta' dan iz-zwieg twieldu KD, KZ u KL ahwa F u dana kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid a fol 7,8, u 9. Illi l-minuri KD llum ghandu X snin, filwaqt li l-minuri KZ u KL li huma tewmin ghandhom Y snin. Illi permezz ta' kuntratt ta'separazzjoni datat fl-20 ta' Lulju 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Josef C Masini Vento, il-konjugi F ssepparaw u sussegwentement iddivorzjaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl- 14 ta' Dicembru 2022.

Jidher illi ghalkemm il-minuri KD, u cioe il-wild il-kbir, huwa effettivament il-wild naturali tal-attur u l-intimata S, wara li gie ffirmat il-kuntratt ta'separazzjoni bejn il-konjugi partijiet F, l-attur kien qieghed ihabbat wiccu konstantementi ma' allegazzjonijiet da parti ta' missier l-intimata u hutha li t-tewmin mhumiex ulied l-attur. Ghalhekk, l-attur ordna testijiet tad-DNA fuq it-tewmin fejn filfatt irrizulta illi t-tewmin mhumiex ulied naturali tal-attur, izda jidher illi t-tewmin kienu koncepiti minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn l-intimata u terzi. Illi din il-Qorti effettivament rat illi kemm mix-xhieda tal-attur u anke dik ta' ommu, jidher illi dawn kienu konsapevoli illi wara li l-intimata harbet mill-Awstralja hija kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel ohra.

Illi l-presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugi tal-mara li weldet it-tarbija hija biss presunzjoni *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Diane Lia proprio et nomine vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku***, per Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras:

> ***Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tattwelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso… (Vide VOL XXIII P II pg 128)***

Illi sabiex tirnexxi kawza ta' *denegita paternita'* ai termini tal-Artikolu 70 hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

1. Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild;

2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u cioe fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija jekk il-konjugu kien jinstab Malta,

jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq jekk it-twelid ikun gie mohbi mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u

3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istwita mir-rikorrent kontra SF li minnha huwa legalment divorzjat, u kontra kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri KZ u KL u ghalhekk l-ewwel rekwizit jinsab sodisfatt. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti esebixxa kopja tad-digriet datat 8 ta' Ottubru 2018 ai termini tal-artikolu 73, fejn talab l-awtorizzazzjoni sabiex jipprosegwi bil-kawza ai termini tal-artikolu 70 tal-Kodici Civili stante t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid tal-ulied,[1] liema talba giet milqugha kif jirrizulta mill-imsemmi digriet minn din il-Qorti diversament preseduta.

Illi ghalhekk dan ir-it-tieni rekwizit huwa palezement sodisfatt.

Fir-rigward tat-tielet rekwizit, il-Qorti taghraf illi skont l-artikolu 70 (1) (d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***"Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ – [omissis]***

***(d) Jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***

***(e) Jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur."***

[1] Vide rikors a fol 13.

Il-Qorti rat ir-rapport a fol 20, u dak a fol 22, liema rapporti kienu entrambi kkonfermati bil-gurament ta' Dr Marisa Cassar nhar l-10 ta' April 2019, li jindikaw illi t-testijiet genetici li saru fuq il-minuri KL u KZ u r-rikorrenti GF juru li r-rikorrenti m'huwiex il-missier biologiku tal-minuri tewmin indikati. Illi ghalhekk, dawn it-testijiet genetici hekk ezegwiti minn Dr. Marisa Cassar juru inkonfutabbilment illi r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku taz-zewg minuri ahwa tewmin. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent illi jigi dikjarat li m'huwiex il-missier bijolgiku ta' KL u KZ ahwa tewmin, tinsab pruvata.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa, li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri KL u KZ u li r-rekwizti kollha necessarji sabiex tkun tista' tigi promossa din l-azzjoni huma sodisfatti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi li t-talbiet tar-rikorrenti sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmija KL u KZ huma fondati kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt u ghaldaqstant jisthoqqu li jigu milqugha.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> ***"Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont lewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jewb'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."***

Il-Qorti rat illi kien hemm insistenza da parti tal-intimata omm, illi dawn il-proceduri jigu decizi in segwitu ghad-decisjoni finali moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proceduri ta' divorzju intavolati b'mod kongunt mill-konjugi F, u dana bl-ghan illi kif l-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe C, il-minuri ahwa tewmin KZ u KL jinghataw kunjom ommhom u cioe il-kunjom C. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis

illi l-minuri ahwa KZ u KL ghandhom ikunu maghrufa b'kunjhom ommhom u cioe bil-kunjom C.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Din il-Qorti rat illi t-testijiet genetici fuq il-minunri tewmin saru f' Ottubru tas-sena 2018, u hekk kif missier l-intimata u l-hutha bdew jittormentaw lill-attur b'dawna l-allegazzjonijiet. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-intimata kienet a konoxxenza tal-paternita' reali tal-minuri tewin u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi kollha tal-kas, tqis illi l-ispejjes tkollha ta'dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors datat 5 ta' Ottubru 2018, Rik Generali 449/2018, ghandhom ikunu a karigu tal-intimata SF nee C.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u:**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti, GF detentur tal-karta tal-identita bin-numru W m'huwiex il-missier naturali tat-tewmin KL u KZ ahwa F;**

2. **Konsegwentement tiddikjara illi kunjom tal-minuri KZ u KL ghandu jkun dak ta' ommhom u cioe C;**

3. **Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' KZF liema att ghandu n-numru A u l-att tat-twelid ta' KLF liema att ghandu n-numru B, kull referenza ghar-rikorrent, GF**

**senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier ir-rikorrent, huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghar-rikorrent u li jidher mill-atti tat-twelid citati, filwaqt li wara isem SF fis-sitt kolonna tal-att ta' twelid ta' KZF u KLF jitnehhew il-kliem "the said".**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimata SF nee C inkluz l-ispejjez tad-Direttur Registru Pubbliku, l-ispejjes ghar-rikors ghall-awtorizazzjoni prezentat mir-rikorrenti fl-5 ta' Ottubru 2018 – Rik.Generali 449/2018.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**